

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1142/2009

tas-26 ta' Novembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Interpretazzjoni 17 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008⁽²⁾ ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fis-27 ta' Novembru 2008, il-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRIC) ippubblika l-Interpretazzjoni IFRIC 17 *Distribuzzjonijiet ta' Assi Mhux Flus lis-Sidien*, minn issa 'l quddiem imsejħa l-IFRIC 17". L-IFRIC 17 hija interpretazzjoni li ttiprovdi kjarifika u gwida dwar it-trattament fil-kontabilità ta' distribuzzjonijiet ta' assi mhux likwidi lis-sjeda ta' entità.
- (3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti Tekniċi (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Infommazzjoni Finanzjarja (EFRAG) tikkonferma li l-IFRIC 17 jissodisfa l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 505/2006 tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi [Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards] fil-qasam tal-kontabilità biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjoni tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għall-Infommazzjoni Finanzjarja [dwar ir-Rappurtar Finanzjarju] (EFRAG)⁽³⁾, il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u lill-Kummissjoni taha l-parir li din hija bilanċata kif xieraq u oġġettiva.

- (4) L-adozzjoni tal-emendi għall-IFRIC 17 timplika, b'konsewgenza, emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 5 u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 10 sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-standards ta' kontabilità konċernati.
- (5) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Interpretazzjoni 17 tal-Kumitat tal-Interpretazzjoni Internazzjonali tar-Rappurtar (IFRIC) *Distribuzzjonijiet ta' Assi Mhux Flus lis-Sidien*, qed tiddaħħal kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament;
- (2) L-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) 5 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;
- (3) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 10 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-IFRIC 17 u l-emendi għall-IFRS 5 u l-IAS 10, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, sa mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja li tibda wara l-31 ta' Ottubru 2009.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2009

Għall-Kummissjoni

Charlie McCREEVY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

ANNEX

STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ

IFRIC 17	L-Interpretazzjoni IFRIC 17 <i>Distribuzzjonijiet ta' Assi Mhux Flus lis-Sidien</i>
----------	---

INTERPRETAZZJONI TAL-IFRIC 17
Distribuzzjonijiet ta' Assi Mhux Fluss is-Sidien

REFERENZI

- L-IFRS 3 *Kombinamenti ta' Negozi* (kif irriedut fl-2008)
- L-IFRS 5 *Assi Mhux Kurrenti Miżmuma għall-Bejgħ u Operazzjonijiet li ma Tkomplewx*
- L-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar ta' Informazzjoni*
- L-IAS 1 *Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji* (kif irriedut fl-2007)
- L-IAS 10 *Avvenimenti wara l-Perjodu ta' Rapportaġġ*
- L-IAS 27 *Rapporti Finanzjarji Konsolidati u Separati* (kif emendat f'Mejju 2008)

SFOND

- 1 Xi kultant entità tiddistribwixxi assi apparti flus (assi mhux flus) bħala dividendi lis-sidien tagħha (*) li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' sidien. F'dawk is-sitwazzjonijiet, entità tista' tagħti wkoll lis-sidien tagħha l-għażla li jirċievu jew assi mhux flus jew inkella alternattiva fi flus. L-IFRIC irċieva rikjesti għal gwida dwar kif entità għandha tikkontabilizza dawk id-distribuzzjonijiet.
- 2 L-Istandards Internazzjonali tar-Rapportaġġ Finanzjarju (IFRSs) ma jipprovdux gwida dwar kif entità għandha tkejjel id-distribuzzjonijiet lis-sidien tagħha (komunement imsejħa dividendi). L-IAS 1 jeħtieġ li entità tippreżenta dettalji ta' dividendi rikonoxxuti bħala distribuzzjonijiet lis-sidien jew fir-rapport tal-bidliet fl-ekwità jew inkella fin-noti għar-rapporti finanzjarji.

AMBITU

- 3 Din l-Interpretazzjoni tapplika għat-tipi li ġejjin ta' distribuzzjonijiet mhux reċiproki ta' assi minn entità lis-sidien tagħha li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala sidien:
 - (a) distribuzzjonijiet ta' assi mhux flus (eż. oġġetti ta' proprjetà, impjanti u taġmmir, negozji kif iddefiniti fl-IFRS 3, interessi proprjetarji f'entità oħra jew gruppi ta' disponiment kif iddefiniti fl-IFRS 5); u
 - (b) distribuzzjonijiet li jaġhtu lis-sidien għażla li jirċievu jew assi mhux flus jew alternattiva fi flus.
- 4 Din l-Interpretazzjoni tapplika biss għal distribuzzjonijiet li fihom is-sidien kollha tal-istess klassi ta' strumenti azzjonarji jiġu ttrattati b'mod ugwali.
- 5 Din l-Interpretazzjoni ma tapplikax għal distribuzzjoni ta' assi mhux flus li finalment ikun ikkontrollat mill-istess parti jew partijiet qabel u wara d-distribuzzjoni. Din l-esklużjoni tapplika għar-rapporti finanzjarji separati, individwali u kkonsolidati ta' entità li taġmel id-distribuzzjoni.
- 6 Skont il-paragrafu 5, din l-Interpretazzjoni ma tapplikax meta l-assi mhux flus finalment ikun ikkontrollat mill-istess partijiet kemm qabel kif ukoll wara d-distribuzzjoni. Il-paragrafu B2 tal-IFRS 3 jgħid li "Grupp ta' individwi għandhom jitqiesu li jikkontrollaw entità meta, bħala riżultat ta' arranġamenti kuntrattwali, huma kollettivament ikollhom is-setgħa li jirregolaw il-politika finanzjarja u operattiva tagħha sabiex jiksbu benefiċċji mill-attivitajiet tagħha." Għaldaqstant, biex distribuzzjoni taqa' barra mill-ambitu ta' din l-Interpretazzjoni fuq il-bażi li l-istess partijiet jikkontrollaw l-assi kemm qabel kif ukoll wara d-distribuzzjoni, grupp ta' azzjonisti individwali li jirċievu d-distribuzzjoni jrid ikollhom, bħala riżultat ta' arranġamenti kuntrattwali, tali setgħa kollettiva finali fuq l-entità li taġmel id-distribuzzjoni.
- 7 Skont il-paragrafu 5, din l-Interpretazzjoni ma tapplikax meta entità tiddistribwixxi f'it mill-interessi azzjonarji tagħha f'sussidjarja iżda żżomm kontroll tas-sussidjarja. L-entità li taġmel distribuzzjoni li tirriżulta fir- rikonoxximent minnha ta' interess bla dritt ta' kontroll fis-sussidjarja tagħha għandha tikkontabilizza d-distribuzzjoni skont l-IAS 27 (kif emendat fl-2008).

(*) Il-paragrafu 7 tal-IAS 1 jiddefinixxi sidien bħala detenturi ta' strumenti kklassifikati bħala ekwità.

- 8 Din l-Interpretazzjoni tindirizza biss il-kontabilità minn entità li tagħmel distribuzzjoni ta' assi mhux flus. Ma tindirizzax il-kontabilità mill-azzjonisti li jirċievu tali distribuzzjoni.

KWISTJONIJIET

- 9 Meta entità tiddikjara distribuzzjoni u jkollha obbligu li tiddistribwixxi l-assi kkonċernati lis-sidien tagħha, hija għandha tirrikonoxxi obbligazzjoni għad-dividend pagabbli. Konsegwentement, din l-Interpretazzjoni tindirizza dawn il-kwistjonijiet:
- (a) Meta għandha entità tirrikonoxxi d-dividend pagabbli?
 - (b) Kif għandha entità tkejjel id-dividend pagabbli?
 - (c) Meta entità ssalda d-dividend pagabbli, kif għandha tikkontabilizza d-differenza li jista' jkun hemm bejn l-ammont miżmum fil-kotba tal-assi d-distribwiti u l-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli?

KONSENSUS

Meta għandu jiġi rikonoxxut dividend pagabbli

- 10 L-obbligazzjoni li jiġihallas dividend għandha tiġi rikonoxxuta meta d-dividend ikun awtorizzat b'mod xieraq u ma jkunx għadu fid-diskrezzjoni tal-entità, li hija d-data:
- (a) meta d-dikjarazzjoni tad-dividend, eż. mill-maniġment jew mill-bord tad-diretturi, tkun approvata mill-awtorità rilevanti, eż. l-azzjonisti, jekk il-ġurisidizzjoni tkun teħtieġ tali approvazzjoni, jew
 - (b) meta d-dividend jiġi ddikjarat, eż. mill-maniġment jew mill-bord tad-diretturi, jekk il-ġurisidizzjoni ma tkunx teħtieġ approvazzjoni ulterjuri.

Kejl ta' dividend pagabbli

- 11 Entità għandha tkejjel obbligazzjoni li tiddistribwixxi assi mhux flus bħala dividend lis-sidien tagħha skont il-valur ġust tal-assi li jridu jiġu d-distribwiti.
- 12 Jekk entità tagħti lis-sidien tagħha għażla li jirċievu jew assi mhux flus jew inkella alternattiva fi flus, l-entità għandha tistma d-dividend pagabbli billi tikkunsidra kemm il-valur ġust ta' kull alternattiva kif ukoll il-probabbiltà assoċjata li s-sidien jagħżlu alternattiva jew oħra.
- 13 Fit-tmiem ta' kull perijodu ta' rapportaġġ u fid-data tas-saldu, l-entità għandha tirrevedi u taġġusta l-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli bi kwalunkwe bidla fl-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli, rikonoxxuta fl-ekwità bħala aġġustament fl-ammont tad-distribuzzjoni.

Kontabilità għal xi differenza li jista' jkun hemm bejn l-ammont miżmum fil-kotba tal-assi d-distribwiti u l-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli meta entità ssalda d-dividend pagabbli

- 14 Meta entità ssalda d-dividend pagabbli, kif għandha tirrikonoxxi d-differenza, jekk ikun hemm, bejn l-ammont miżmum fil-kotba tal-assi d-distribwiti u l-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli fi profitt jew telf.

Preżentazzjoni u żvelar

- 15 Entità għandha tippreżenta d-differenza deskritta fil-paragrafu 14 bħala entrata flinja separata fil-profitt jew telf.
- 16 Entità għandha tiżvela din l-informazzjoni, jekk applikabbli:
- (a) l-ammont miżmum fil-kotba tad-dividend pagabbli fil-bidu u fit-tmiem tal-perijodu; u
 - (b) iż-żieda jew it-tnaqqis fl-ammont miżmum fil-kotba rikonoxxut fil-perijodu skont il-paragrafu 13 bħala riżultat ta' bidla fil-valur ġust tal-assi li għandhom jiġu d-distribwiti.
- 17 Jekk, wara t-tmiem tal-perijodu ta' rapportaġġ iżda qabel ma jiġu awtorizzati r-rapporti finanzjarji għall-ħruġ, entità tiddikjara dividend li jkun distribuzzjoni ta' assi mhux flus, hija għandha tiżvela:
- (a) in-natura tal-assi li għandu jiġi d-distribwit;

- (b) l-ammont tal-assi li għandu jiġi ddistribwit kif miżmum fil-kotba sat-tmien tal-perijodu tar-rapportaġġ; u
- (c) il-valur ġust tal-assi li għandu jiġi ddistribwit kif stmat sat-tmien tal-perijodu tar-rapportaġġ, jekk ikun differenti mill-ammont tiegħu miżmum fil-kotba, u l-informazzjoni meħtieġa mill-IFRS 7 paragrafu 27(a) u (b) dwar il-metodu użat sabiex jiġi ddeterminat il-valur ġust.

DATA EFFETTIVA

- 18 Entità għandha tapplika din l-Interpretazzjoni prospettivament għal perijodi annwali li jibdew fl-1 ta' Lulju 2009 jew wara. Applikazzjoni retrospettiva mhix permessa. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa. Jekk entità tapplika din l-Interpretazzjoni għal perijodu li jibda qabel l-1 ta' Lulju 2009, hija għandha tiżvela dak il-fatt u tapplika wkoll l-IFRS 3 (kif irriedut fl-2008), l-IAS 27 (kif emendat f'Mejju 2008) u l-IFRS 5 (kif emendat minn din l-Interpretazzjoni).

Appendiċi

Emendi għall-IFRS 5

Assi Mhux Kurrenti Miżmuma għall-Bejgħ u Operazzjonijiet li ma Tkomplewx

Il-paragrafu 5A huwa miżjud.

AMBITU

- 5A Ir-reqwiżiti ta' klassifikazzjoni, preżentazzjoni u kejl f'dan l-IFRS applikabbli għal assi mhux kurrenti (jew grupp ta' disponiment) li huwa kklassifikat bħala miżmum għall-bejgħ japplikaw ukoll għal assi mhux kurrenti (jew grupp ta' disponiment) li huwa kklassifikat bħala miżmum għad-distribuzzjoni lil sidien li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala sidien (miżmum għad-distribuzzjoni lis-sidien).

Wara l-paragrafu 5A, l-intestatura u l-paragrafu 8 huma emendati, u l-paragrafu 12A huwa miżjud.

KLASSIFIKAZZJONI TA' ASSI MHUX KURRENTI (JEW GRUPPI TA' DISPONIMENT) BĦALA MIŻMUMA GĦALL-BEJGĦ JEW MIŻMUMA GĦAD-DISTRIBUZZJONI LIS-SIDIEN

- 8 Sabiex il-bejgħ ikun ferm probabbli, il-livell adattat tal-maniġment għandu jkun impenjat bi pjan għall-bejgħ tal-assi (jew tal-grupp ta' disponiment), u jrid ikun inbeda programm attiv biex jinstab xerrej u biex il-pjan iseħħ. Barra minn hekk, l-assi (jew il-grupp ta' disponiment) għandu jiġi rrikamat b'mod attiv għall-bejgħ bi prezz li jkun raġonevoli meta mqabbel mal-valur ġust kurrenti tiegħu. Minbarra dan, il-bejgħ għandu jkun mistenni li jikkwalifika għal rikonoxximent bħala bejgħ komplut fi żmien sena mid-data tal-klassifikazzjoni, ħlief kif permess mill-paragrafu 9, u l-azzjonijiet meħtieġa biex il-pjan iseħħ għandhom jindikaw li mhuwiex probabbli li ser isiru bidliet sinifikanti għall-pjan jew li l-pjan ser jiġi rtirat. Il-probabbiltà ta' approvazzjoni mill-azzjonisti (jekk meħtieġa fil-ġurisdizzjoni) għandha tiġi kkunsidrata bħala parti mill-valutazzjoni dwar jekk il-bejgħ huwiex ferm probabbli.
- 12A Assi mhux kurrenti (jew grupp ta' disponiment) huwa kklassifikat bħala miżmum għad-distribuzzjoni lis-sidien meta l-entità tkun impenjata li tidistribwixxi l-assi (jew il-grupp ta' disponiment) lis-sidien. Sabiex dan ikun il-każ, l-assi jridu jkunu disponibbli għad-distribuzzjoni immedjata fil-kundizzjoni preżenti tagħhom u d-distribuzzjoni trid tkun ferm probabbli. Sabiex id-distribuzzjoni tkun ferm probabbli, iridu jkunu nbew azzjonijiet biex isseħħ id-distribuzzjoni u għandhom ikunu mistennija li ser jintemmu fi żmien sena mid-data tal-klassifikazzjoni. L-azzjonijiet meħtieġa biex isseħħ id-distribuzzjoni għandhom jindikaw li mhuwiex probabbli li ser isiru bidliet sinifikanti għad-distribuzzjoni jew li d-distribuzzjoni ser tiġi rtirata. Il-probabbiltà ta' approvazzjoni mill-azzjonisti (jekk meħtieġa fil-ġurisdizzjoni) għandha tiġi kkunsidrata bħala parti mill-valutazzjoni dwar jekk id-distribuzzjoni hijiex ferm probabbli.

Il-paragrafu 15A u nota fqiegħ il-paġna qed jiġu miżjuda.

KEJL TA' ASSI MHUX KURRENTI (JEW TA' GRUPPI TA' DISPONIMENT) IKKLASSIFIKATI BĦALA MIŻMUMA GĦALL-BEJGĦ

- 15A Entità għandha tkejjel assi mhux kurrenti (jew grupp ta' disponiment) ikklassifikat bħala miżmum għad-distribuzzjoni lis-sidien skont liema hu l-anqas bejn l-ammont miżmum fil-kotba jew il-valur ġust tiegħu wara li jitnaqqsu l-kosti tad-distribuzzjoni (*).

Il-paragrafu 44D huwa miżjud.

(*) Il-kosti tad-distribuzzjoni huma l-kosti inkrementali attribwibbli direttament lid-distribuzzjoni, esklużi kosti ta' finanzjament u l-ispiża tat-taxxa fuq id-dħul.

DATA EFFETTIVA

- 44D Il-paragrafi 5A, 12A u 15A ġew miżjuda u l-paragrafu 8 ġie emendat mill-IFRIC 17 *Distribuzzjonijiet ta' Assi Mhux Flus lis-Sidien* f'Novembru 2008. Dawk l-emendi għandhom jiġu applikati prospettivament għal assi mhux kurrenti (jew gruppi ta' disponiment) li huma kklassifikati bħala miżmuma għad-distribuzzjoni lis-sidien f'perijodi annwali li jibdew fl-1 ta' Lulju 2009 jew wara. Applikazzjoni retrospettiva mhix permessa. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa. Jekk entità tapplika din l-Interpretazzjoni għal perijodu li jibda qabel l-1 ta' Lulju 2009, hija għandha tiżvela dak il-fatt u tapplika wkoll l-IFRS 3 *Kombinamenti ta' Negozji* (kif irriedut fl-2008), l-IAS 27 (kif emendat f'Mejju 2008) u l-IFRIC 17.

Emenda għall-IAS 10***Avvenimenti wara l-Perijodu tar-Rapportaġġ***

Il-paragrafu 13 huwa emendat.

DIVIDENDI

- 13 Jekk jiġu ddikjarati dividendi wara l-perijodu tar-rapportaġġ iżda qabel ma r-rapporti finanzjarji jiġu awtorizzati għall-ħruġ, id-dividendi mhumiex rikonoxxuti bħala obligazzjoni fit-tmien tal-perijodu tar-rapportaġġ għaliex ma tkun teżisti ebda obligazzjoni f'dak iż-żmien. Dawk id-dividendi huma żvelati fin-noti skont l-IAS 1 *Preżentazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji*.
-